**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Illum : Il-Gimgha, 21 ta' Lulju 2017**

**Appell Nru: 576/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel M. Camilleri)**

**vs**

**Terance (Terance William) Zammit**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Terance (Terance William) Zammit, detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-nurmu 432074M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fil-jiem, gimghat u xhur qabel il-21 ta' Gunju, 2016:

1. Permezz ta' rapport maghmul mal-Ghassa tal-Pulizija, akkuza lil David Edward Xerri b'reat li jikkonsisti f'allegazzjoni li nhar il-Hadd 19 ta' Gunju, 2016 f'Marsalforn, iz-Zebbug, kellu fil-pussess tieghu xi forma ta' droga jew medicina pprojbita ohra fil-waqt li kien jaf illi l-kwerelant ma kienx hati tal-akkuza insinwata kontra tieghu.

2. Fl-istess jum fi Triq Ulisse, Marsalforn-Zebbug, Ghawdex jew xi post iehor, ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura tal-istess Edward Xerri Lexus RX450H numru KBL465, liema hsara tammonta ghal aktar minn Eur 250, imma naqas minn 1000 bi skur tal-Kap 9 Art. 325.

3. B' permezz ta' email datata 21 ta' Gunju, 2016 hedded lil David Edward Xerri li ser joqtlu kif ukoll li ser jghamilha l-missjoni ta' hajtu li jwegga lil kwerelant, kif ukoll insulentah u ghajjru u dan bi ksur tal-art. 339 tal-Kap 9.

4. Gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil David E. Xerri u ukoll gab ruhu b'mod li l-imgieba tieghu ikkagunat lill-istess David E. Xerri biza li ser tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-propjeta' tieghu bi ksur tal-art. 251A u 251B tal-Kap 9.

Il-Qorti giet mitluba li minhabba l-piena, Terance Zammit jintarabat li ma jimmolestax, idejjaq jew jegradixxi lill-David Edward Xerri jew xi membri tal-familja tieghu fit-termini tal-Art. 383 tal-Kap 9, kif ukoll li tinahareg protection order ai termini tal-Art. 412 tal-Kap 9 sabiex tipprovdi ghas-sigurezza ta' David Edward Xerri.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-17 ta' Novembru, 2016, li biha l-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu peress illi dawn ma jirriżultawx, sabitu ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet u wara li rat l-artikoli 325 u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kkundannatu għall-perjodu ta' ħames (5) xhur priġunerija, li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan il-perjodu ta' priġunerija gie sospiż għal sena.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza.

Inoltre, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9, rabtet lill-ħati b'garanzija personali fil-konfront ta' David Edward Xerri taħt penali ta' elfejn ewro (€2000) għal-żmien sena.

Finalment, il-Qorti wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9, ordnat lill-imputat iħallas lil David Edward Xerri is-somma ta' tliet mija u hamsa u għoxrin ewro (€325) u dan fi żmien xahar.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Terance (Terance William) Zammit, preżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar it-2 ta' Diċembru, 2016, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu huwa ġie liberat mill-ewwel u r-raba' akkuża dedotta kontra tiegħu, tirrevokha in kwantu sabitu ħati tat-tieni u t-tielet akkuża u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija hekk dedotta kontra tiegħu.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti allegati in kwantu relevanti għall-appell odjern jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fil-21 ta' Ġunju 2016 David Edward Xerri rraporta l-għassa r-Rabat Għawdex li fid-19 ta' Ġunju 2016 kellu l-karozza pparkjata fit-triq u filgħodu fl-20 ta' Ġunju meta mar għall-karozza tiegħu nnota li fuq il-karozza kien hemm xi grif fond forma ta' salib fuq il-bieba n-naħa tax-xufier. Huwa ssuspetta fl-imputat li meta kellmuh il-pulizija ċaħad li kien barax il-karozza ta' David Edward Xerri.

**6.** L-aggravju tal-appellant jikkonsisti sostanzjalment filli jsostni li fuq il-provi prodotti li kienu jistrieħu fuq xhieda *detto del detto* l-ewwel Qorti qatt ma setgħat legalment u raġonevolment issibu ħati peress li l-akkużi ma ġewx suffiċjentement ippruvati sal-grad li trid il-liġi. L-appellant jallega wkoll inkonsistenza fit-taħrika għaliex waqt li din tibda billi takkużah "talli fil-jiem, ġimgħat u xhur qabel il-21 ta' Ġunju 2016" fit -

tielet imputazzjoni tispeċifika li l-fatt f'dik l-imputazzjoni ġie kommess permezz ta' email datata 21 ta' Ġunju 2016 u jirritjeni li konsegwentement kellu jiġi liberat minn din l-imputazzjoni li skont hu, fi kwalunkwe każ, ma ġietx pruvata skont il-liġi.

**7.** Mingħajr eżitazzjoni l-Qorti tgħid li ma tirriżulta ebda prova ammissibbli skont il-liġi li l-imputat ikkaġuna l-grif fuq il-vettura ta' David Edward Xerri. Il-"prova" tat-tieni imputazzjoni li fuqha tistrieh il-prosekuzzjoni tikkonsisti f'dak li t-tifla ta' bint Carol Ferguson qalet lil ommha Anna Marie Zammit u din imbgħad irrakkontatu lil ommha Carol Ferguson li xehedt x'qaltilha bintha. Għalhekk hawn si tratta ta' *detto del detto* doppju li ċertament ma hix ammissibbli bħala prova tenut kont li t-tifla ma ġietx prodotta xhud. Xehdet ukoll Donna Marie Zammit li jidher li hi l-imsemmija Anna Marie Zammit li xehdet li bintha kienet qaltilha li l-imputat kien barax il-karozza ta' David Xerri u qaltilha li ratu. Hawn bqajna fil-detto del detto għalkemm ftit inqas remota minn ta' qabilha iżda xorta inammissibbli bħala prova fin-nuqqas tax-xhieda ta' bintha. Fuq dan tistrieh din it-tieni imputazzjoni ta' ħsara volontarja li anqas remotament ma twassal għall-prova mingħajr dubbju dettat mir-raġuni kif trid il-liġi ta' din l-imputazzjoni. L-imputat meta kellmuh il-pulizija ċaħad li kien hu li barax il-karozza u l-istess għamel meta xehed il-Qorti. Din l-imputazzjoni għalhekk assolutament ma tirriżultax u l-imputat ser jiġi liberat minnha.

**8.** Jibqa' t-tielet imputazzjoni ta' theddid, insulti u tgħajjir lil David Edward Xerri permezz ta' email datata 21 ta' Ġunju 2016. Ma ġiet esibita ebda email bid-data msemmija fit-taħrika. Li ġew esibiti huma żewġ emails, waħda datata 20 ta' Ġunju 2016[1] u oħra datata 12 ta' Ġunju 2016[2] u ma saret ebda prova kif trid il-liġi li dawn kienu intbaghtu mill-imputat. Ma

[1] Fol 16
[2] Fol 17

saret ebda prova ta' xi email bid-data 21 ta' Ġunju 2016 li fuqha tistrieh it-tielet imputazzjoni. Għalhekk din l-imputazzjoni wkoll manifestament ma ġietx pruvata skont il-liġi.

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat appellant ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni u kkundannatu għall-perjodu ta' ħames (5) xhur priġunerija sospiżi għal żmien sena mid-data tas-sentenza u fejn rabtitu b'garanzija personali fil-konfront ta' David Edward Xerri taħt penali ta' elfejn euro (€2000) għal żmien sena mid-data tas-sentenza u fejn ordnatlu jħallas lil David Edward Xerri s-somma ta' tliet mija u ħamsa u għoxrin euro (€325) u dan fi żmien xahar mid-data tas-sentenza u tikkonfermha fil-bqija, u b'hekk tilliberaħ minn kull ħtija u piena.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imħallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur